DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR 172769** **01.12.2017**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***L-istudenti fil-Parlament kontra l-vjolenza domestika***

Id-Deputat Speaker tal-Kamra tad-Deputati, Claudette Buttigieg, mexxiet laqgħa bl-isem, "L-Istudenti fil-Parlament kontra l-Vjolenza Domestika", li kienet organizzata mil-Kummissjoni dwar il-Vjolenza Domestika b'kollaborazzjoni mal-Parlament ta' Malta u d-Dipartiment tal-Edukazzjoni. Din l-attività saret fis-Sala tal-Parlament u matulha ħadu sehem studenti minn numru ta' skejjel sekondarji kif ukoll Membri Parlamentari.

Matul din il-laqgħa, dawk preżenti ddiskutew u approvaw b'mod unanimu ħames mozzjonijiet li kienu jittrattaw:

- Pieni aktar ħorox għal dawk li jinstabu ħatja ta' vjolenza domestika kif ukoll l-introduzzjoni ta' miżuri preventivi, kura u programm ta' riabilitazzjoni għall-aggressur;
- Proposta sabiex *dating violence* jibda jiġi meqjus bħala reat daqs dak ta' vjolenza domestika u programm ta' għarfien sabiex il-vittmi jsibu kull għajnuna biex jirrapportaw din it-tip ta' vjolenza mingħajr xkiel;
- Il-ħtieġa lill-membri tal-Ġudikatura, il-Pulizija, l-edukaturi u professjonisti oħra, bħal psikoloġi, *counsellors* u *social workers* jingħataw taħriġ regolari biex ikunu kapaċi jaħdmu bis-sħiħ kontra l-vjolenza domestika u d-*dating violence;*
- Kampanji kontinwi ta' sensibilizzazzjoni li jwasslu għal bidla fil-mentalità biex tinbena soċjetà verament bi drittijiet indaqs; u
- Liġi li telimina d-differenza fil-pagi bejn is-sessi u biex tinkoraġġixxi lis-subien u l-bniet jidħlu għall-korsijiet li tradizzjonalment huma assoċjati ma' ġeneru.

Wara li l-istudenti ngħataw kull opportunità li jitkellmu, il-parti konklużiva tal-attività kienet indirizzata minn numru ta' Deputati li indirizzaw fil-qosor numru ta' punti mqajma. F'din il-parti ħadu sehem il-Ministru għall-Affarijiet Ewropej u l-Ugwaljanza Helena Dalli, is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, Sport u Għaqdiet tal-Volontarjat Clifton Grima, is-Segretarju Parlamentari għall-Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva Anthony Agius Decelis, il-Kap tal-Oppożizzjoni Adrian Delia, u l-Membri Parlamentari Ivan Bartolo, Byron Camilleri u Robert Cutajar.

Din l-attività kienet ukoll indirizzata mill-Kummissarju dwar il-Vjolenza Domestika, is-Sur Joe Gerada, u mill-Kummissarju għat-Tfal, is-Sinjura Pauline Miceli.

**Attachments: photos** 

3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700 Fax +(356) 2200 1775
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**